



Kumitat għas-Sajd

2023/0171(COD)

21.9.2023

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar tniġġis ikkawżat mill-vapuri u l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (COM(2023)273 – C9-0187/2023 – 2023/0171(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Cláudia Monteiro de Aguiar

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar hija fil-qalba tal-Politika Komuni tas-Sajd, peress li s-settur tas-sajd huwa vittma tat-tniġġis tal-baħar li jinkludi, fost bosta sorsi oħra, l-iskariki illegali ta' sustanzi li jniġġsu fil-baħar mill-vapuri.

Għalhekk, ir-Rapporteur tilqa' din il-proposta tal-Kummissjoni li taġġċorha d-Direttiva [2005/35/KE¹](#) [dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri](#) u l-introduzzjoni ta' penali għal reati ta' tniġġis.

Ir-rapporteur tirrimarka li d-definizzjoni ta' tniġġis ikkawżat minn vapuri hija deskritta fl-Annessi I sa VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri, 1973, u l-Protokoll tagħha tal-1978 (Marpol 73/78), li huma legalment vinkolanti għall-Unjoni Ewropea. L-infurzar ta' standards ogħla se jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għas-settur tat-tbaħħir marittimu, li għandu dimensjoni tranżnazzjonali b'effetti pożittivi fuq l-ekosistemi tal-baħar u għaldaqstant fuq is-sajd.

Ir-rapporteur tilqa' l-limiti tal-emissjonijiet aktar stretti; madankollu, twissi li l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-emissjonijiet tal-ossidu tal-kubrit u tal-ossidu tan-nitroġenu mill-egżost tal-vapuri jista' jkollha impatt fuq il-flotta tas-sajd tal-UE, li hija primarjament magħmula minn bastimenti li qed jiġdi u li jappartjenu għal SMEs b'rīżorsi limitati għall-investiment f'magni ġodda b'emissjonijiet baxxi. L-estensijni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex tkopri sustanzi addizzjonali fl-ambitu tal-Marpol 73/78 jeħtieġ li tiġi riflessa b'mod qawwi fil-FEMSA b'appoġġ akbar għal magni b'emissjonijiet baxxi u għat-tiġġid tal-flotta.

Ir-rapporteur theggexx lill-Kummissjoni tappoġġa t-tiġġid tal-flotta permezz tal-FEMSA.

Ir-rapporteur tintroduċi wkoll definizzjoni ġidida għall-abbozz u tenfasizza l-ħtieġa ta' viġilanza f'żoni b'attività tas-sajd sinifikanti, filwaqt li tiddefendi l-kawża doppja ta' protezzjoni ekoloġika u sostentiment tal-komunitajiet tas-sajd. Ir-rapporteur tappella wkoll għal komunità marittima infurmata, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa ta' edukazzjoni u taħriġ.

Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur tirrakkomanda wkoll li l-inklużjoni ta' feedback mill-komunitajiet tas-sajd u approċċ kollaborattiv mal-partijiet ikkonċernati marittimi jenfasizzaw il-viżjoni sħiħa tad-Direttiva, li għandha l-għan li tibbilanċja l-protezzjoni ekoloġika mas-sostenibbiltà tal-komunitajiet tas-sajd.

Bħala konklużjoni, minbarra li jinkisbu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost il-flotot ta' pajiżi terzi li joperaw fl-il-mijiet tal-UE, ir-rapporteur tittama li dan se jiffaċilita kontrolli kkoordinati mill-Istati Membri, kif ukoll il-prosekuzzjoni u l-infurzar transfruntier, li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal tnaqqis fit-tniġġis ikkawżat mill-vapuri.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

¹ ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11.

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Il-flotta tas-sajd tal-UE għandha medja ta' 31,5 sena, it-tiġdid tal-flotta jenħtieġ li jiġi appoġġat permezz tal-FEMSA (ir-Regolament UE 2021/1139) li jikkontribwixxi biex jintlaħqu regolamenti ambjentali ta' livell dejjem oħla, speċjalment għall-iżvilupp ta' sajd kostali fuq skala żgħira sostenibbli.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 Direttiva 2005/35/KE Artikolu 2 – paragrafu 1 – 7 ġdid

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. “Dannu” tirreferi għal īnsara fiżika aċċidental li ddghajjief il-valur, l-utilità, jew il-funzjoni normali tal-vapur jew tat-tagħmir tiegħi, u ma tinkludix it-tkagħbir bl-użu ta’ rutina.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 Direttiva 2005/35/KE Artikolu 5 – paragrafu 1 – (c) ġdid

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) Il-kumpanija, il-kaptan, jew l-ekwipaġġ għandhom jiprovvdu evidenza dokumentarja jew reġistri li jagħtu dettalji dwar il-prekawżjonijiet meħuda biex jipprev jenu jew jimmiminizzaw l-iskariku

fuq talba mill-awtoritajiet rilevanti.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 2005/35/KE

Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-kumpanija, il-kaptan jew l-ekwipaġġ responsabbi ***għad-danni jkun aġixxa bl-intenzjoni li jikkawża dannu jew bi traskuraġni u bl-ġħarfien li x'aktarx ikun hemm dannu.”;***

Emenda

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-kumpanija, il-kaptan jew l-ekwipaġġ responsabbi ***għad-dannu jkunu aġixxew bl-intenzjoni li jikkawżaw dannu b'mod negliġenti*** jew bi traskuraġni u bl-ġħarfien li x'aktarx ikun hemm dannu.”;

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Direttiva 2005/35/KE

Artikolu 8 – paragrafu 4 (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. ***L-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu programmi edukattivi u ta' tħalli bħala parti mis-sistema ta' penali, filwaqt li jiżguraw li l-operaturi tas-sajd, il-kaptani, u l-ekwipaġġi jkunu infurmati dwar l-aħjar prattiki u l-importanza tal-konformità.***

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13

Direttiva 2005/35/KE

Artikolu 8d – paragrafu 1 – (i) ġidid

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(i) Il-firxa tal-ħsara kkawżata mill-iskariku lill-ħajja tal-baħar, inklużi l-popolazzjonijiet tal-ħut, u l-impatt sussegwenti tagħha fuq l-attivitajiet tas-sajd u l-komunitajiet kostali.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13

Direttiva 2005/35/KE

Artikolu 8d – paragrafu 1 – (j) ġdid

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(j) F'żoni ta' attivitā sinifikanti tas-sajd, l-Istati Membri huma mħeġġa jinfurzaw mekkaniżmi ta' monitoraġġ imsaħħa u jikkunsidraw penali aktar stretti u dissważivi biex jiġkoragħgixxu l-ksur.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14

Direttiva 2005/35/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – (e) ġdid

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(e) Jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari dik li tikkonċerna ż-żoni fejn ikunu seħħew inċidenti ta' tnigħġis ikkawżat mill-vapuri, tinxtered mal-komunitajiet tas-sajd fil-ħin u b'mod li jkun jinftiehem mill-awtoritajiet nazzjonali jew lokali.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14

Direttiva 2005/35/KE

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tipprevedi ġħall-organizzazzjoni ta' skambju ta' esperjenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-eserti tal-Istati Membri, inklużi dawk mis-settur privat, mis-soċjetà ċivili u mit-trade unions, dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva madwar l-Unjoni, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti prattiki u linji gwida komuni dwar l-infurzar ta' din id-Direttiva.”;

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tipprevedi ġħall-organizzazzjoni ta' skambju ta' esperjenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali, **is-sajjeda** u l-eserti tal-Istati Membri, inklużi dawk mis-settur privat, mis-soċjetà ċivili u mit-trade unions, **u rappreżtantni minn komunitajiet u assoċjazzjonijiet tas-sajd** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva madwar l-Unjoni, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti prattiki u linji gwida komuni dwar l-infurzar ta' din id-Direttiva.”;

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Article 1 – paragraph 1 – point 15

Direttiva 2005/35/KE

Artikolu 10b – paragrafu 2 ġdid

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

2. *Dan it-taħriġ għandu jinkludi wkoll moduli dwar l-impiatt ekoloġiku tat-tniġġis tal-baħar, b'enfasi speċifika fuq l-implikazzjonijiet għall-popolazzjonijiet tal-ħut, għaż-żoni tat-tnissil, u għax-xejriet migratorji. L-eserti mis-settur tas-sajd għandhom jiġu mistiedna jikkontribwixxu għal dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ u jipparteċipaw fihom, filwaqt li joffru għarfien u fehim diretti dwar l-effetti tat-tniġġis fuq l-aktivitajiet tas-sajd u l-ħajja tal-baħar. Il-Kummissjoni u-l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex ixerrdu l-fehim u l-informazzjoni ewlenin minn dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ lill-komunitajiet tas-sajd, filwaqt li jiżguraw li jkunu infurmati*

*tajjeb u armati biex jiżvolġu rwol
kollaborattiv biex jitħarsu l-objettivi ta'
din id-Direttiva.*

Or. en